IL-PUPA TAL-PEPRIN **Frans Farrugia**

Jekk immorru lura mas-sittin sena nsibu li l-ġugarelli ftit li xejn kont tarahom għand it-tfal. Ħafna ġugarelli kienu jsiru minn xi ħaxixa tal-kċina, bottijiet u wkoll minn xi fjuri. Mill-fjur tal-bajtar tax-xewk konna naqtgħu l-pistil ħoxna li jkollu fin-nofs billi din għandha sustanza li twaħħal konna nagħfsuha mal-parti t'isfel tal-widna u kienet tiġi qisha dendiela ta' misluta.

Biex tagħmel pupa tal-peprin trid issib fjura tal-peprin tarija, jiġifieri ma tkunx ilha li fetħet. Niżżel il-petali l-isfel għal maz-zokk, żommhom hekk b'idek ix-xellugija u aqta' z-zokk twil id-doppju tat-tul tal-petali, biex ikollok bħal dublett aħmar b'sieq ħierġa minn taħtu (ara d-disinn). Aqta' biċċa zokk oħra daqs li ħallejt taħt il-petali u daħħlu ħdejn l-ieħor biex ikollok żewġ saqajn, waqt li tkompli żżomm kollox kif kont. Dawwar u orbot ħajta f'nofs il-petali biex tifforma l-qadd. In-nofs tal-fjura jew frotta mhix matura tidher qisha r-ras. Neħħi ftit mill-istami qishom xagħar ta' madwar il-frotta biex jinkixef il-wiċċ, u l-kumplament ta' l-istami jkunu x-xagħar tal-pupa. Halli waħda mit-tebgħat suwed tidher fil-bażi tal-petala biex tiġi taħt il-wiċċ u tidher qisha vavalor. Bil-ponta ta' temprin taqqab xquq fir-ras biex jiġu żewġ għajnejn u ħalq. Fl-aħħar aqta' biċċtejn zkuk oħra biex iservu ta' idejn, u daħħalhom waħda kull naħa taħt ir-ras. Bi ftit paċenzja u xogħol fl-aħħar ikollok PUPA TAL-PEPRIN.

